# Il-Fanal ta' Delimara

## minn Joseph Baldacchino

Fit-tarf nett ta' din il-gżira,
sewwa sew, f'riħet ix-xlokk,
issib lil Delimara,
fuq ix-xellug ta' Marsaxlokk.

Dan il-lok, huwa rdum għoli,
fih taqtiegħa, u kanal,
ftit il' ġewwa ssib fortizza,
u fil-ponta, hemm fanal.

Dan il-post partikulari,
"Il-Kalanka" nsibuh,
mhux ta' b'xejn, li tul is-sena,
ħafna jiġu, jżuruh.

Għax il-baħar, sabiħ tiegħu,
ingawduh fil-jiem sajfin,
u l-fanal, u l-pajsaġġ l-ieħor,
ipaxxuk, fl-oħrajn xitwin.

Dal-fanal, l-uniku wieħed,
illi ssib f'din l-art Maltija,
f'tal-Ġordan, hemm ieħor bħalu,
fuq l-irdum, tal-gżir' Għawdxija.

Ġew mibnija, mill-Ingliżi,
fl-elf tmin mija u ħamsin,
biex jintlemħu mill-baħħara,
illi jkunu għaddejjin.

L-Għawdxi jfeġġ, fit-tramuntana,
u fix-xlokk, it-tewmi tiegħu,
meta jqarrbu lejn gżirietna,
jilmħu r-raġġ, u jbaħħru miegħu.

Għalkemm saru fi żmien wieħed,
mhux eżatti bħal xulxin,
ħaġa waħda hemm  komuni,
li t-tnejn kienu, mitluqin.

Dan ta' Malta, xi snin ilu,
kien għadu jiġi ndukrat,
mill-għassies, li fih kien jgħammar,
u mħallas mill-istat.

Għoli 'l fuq minn għoxrin metru,
għandu għaml' ottangulari,
miżbugħ, iswed u abjad,
f'nofs ta' binja, b'żewġ sulari.

Kellu raġġ li jidher sewwa,
mili jwassal, qrib l-għoxrin,
ħamra u bajda, t-teptipa,
indaqs jibdlu, lil xulxin.

Dan kien hekk sas-seklu l-ieħor,
għax f'ta' qablu, aħmar biss,
jixgħel kien, b'żejt taż-żebbuġa,
u bla teptip, għax dejjem fiss.

Wara nqaleb, għall-pitrolju,
biex ikun aktar modern,
hemm iteptep, fuq il-ponta,
dik ta' fuq 'Xifer l-Infern'.

Kellu dehra prinċipali,
bis-sehem tiegħu f'film Ingliż,
"Eyewitness" dan kien jismu,
li ġab flus, lejn il-pajjiż.

Issa li nbidlet ħidmietu,
illi żamm matul is-snin,
se jkun jista' jitgawda,
mill-Maltin u l-barranin.

Dan għaliex sar restawr fuqu,
b'dehra friska u attraenti,
biex jinkera għall-vaganzi,
maqsum f'żewġ, appartamenti.

Tajjeb ngħid li dawn l-akkwati,
kienu jagħmlu, maż-Żejtun,
ġew imgħoddija, lil ħaddieħor,
li hu parti, mir-Reġjun.

L-importanti li jintuża,
jieħdu ħsiebu, u jħarsuh,
sabiex, għas-snin li ġejja,
aħna nibqgħu ngawduh.